MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 10/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat r-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Jannar 2008 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-8 ta' Diċembru 1984 u minn dan iż-żwieġ ġie addottat tifel li jismu C u llum għandu sbatax (17)-il sena;

2. Illi f'dawn l-aħħar snin ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjuġi iddeterjorat sostanzjalment u dan minħabba raġunijiet legalment validi fosthom minaċċi, eċċessi, theddid fuq il-ħajja tal-esponenti, swat eċċessiv,

inkompatibbilta’ ta’ karattru u raġunijiet oħra legalment fondati li jagħtu lok għall-proċeduri ta’ separazzjoni personali u dan tort esklussivament tal-intimat.

3. Illi b’digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ċivili) r-rikorrenti ġiet awtoriżżata sabiex tipproċedi għas-separazzjoni personali;

Jgħid għalhekk l-intimat għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi ż-żwieġ bejn il-konjuġi tkisser minħabba minaċċi, eċċessi, moħqrija, theddid, swat eċċessiv u minħabba li l-ħajja flimkien m’għadhiex aktar possibbli u għax iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment u dan tort esklussivament tal-intimat;

2. Illi din il-Qorti għandha tiddikjara wkoll illi l-intimat huwa ħati tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-Kodiċi Ċivili u għalhekk għandu jitlef a bażi tal-istess Kodiċi Ċivili l-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti l-oħra għandha tkun kunsiderata li minnha jkun ħati tal-firda u għalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Liġi kontra l-istess konvenut;

3. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri C jiġi fdat f’idejn ir-rikorrenti;

4. Tiffissa retta alimentarju jew manteniment u l-modulatijiet tal-ħlas tal-istess, favur il-minuri li jiġi mħallas lir-rikorrenti;

5. Tittermina, tillikwida u xxojli l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi u taqsam u tassenja l-

istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendi bin-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta’ qasma.

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-18 ta’ Frar 2008, li permezz tagħha l-konvenut eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok għal separazzjoni personali bejniethom, dan pero’ ġara biss minħabba tortijiet u ħtijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attriċi. Di fatti l-eċċipjent qiegħed jipprevalixxi ruħu mid-dritt lilu mogħti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

2. Salvi, jekk ikun il-każ, risposti jew eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz tagħha ppremetta:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-8 ta’ Diċembru 1984 (ara ċertifikat taż-żwieġ anness bħala Dok. A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifel li jismu C li llum għandu sbatax-il (17) sena.

3. Illi l-attriċi rikonvenzjonata rrendiet il-ħajja matrimonajli ta’ bejn il-kontendenti mpossibli, permezz ta’ adulterju, sevizzi, moħqrija, theddid u offiżi gravi da parti tagħha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment b’tort uniku tal-istess attriċi rikonvenzjonata;

4. Illi l-kontendenti ġew debitament awtoriżżati biex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti nhar il-15 ta' Jannar 2008 (ara Dok. B);

Tgħid għalhekk l-istess attriċi rikonvenzjonata il-għaliex m'għandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa w opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attriċi rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lil konvenut rikonvenzjonant jgħix separatament minn ma' l-attriċi;

2. Tiddikjara li l-attriċi rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut żewġha rikonvenzjonant, mentri hu jibqagħlu d-dritt li jesiġi mingħandha l-ħlas ta' manteniment għalih.

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-attriċi rikonvenzjonata lil konvenut żewġha rikonvenzjonant għalih, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess attriċi rikonvenzjonata sabiex tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tagħha mill-impjieg jew xogħol li hija għandha / jista' jkollha jew bi *standing order* u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja.

4. Tapplika kontra l-attriċi rikonvenzjonata l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-konvenut.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-attriċi rikonvenzjonata hija unikament ħatja għas-separazzjoni

personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attriċi *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u / jew parafernali tiegħu li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attriċi tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta’ periti *nominandi,* rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali sudetti.

7. Tordna li l-konvenut rikonvenzjonant jibqa’ jabita fid-dar konjugali numru 25, Triq il-Fejġel, Ħal Għaxaq, ad esklużjoni tal-attriċi rikonvenzjonata u tagħti kull provvediment xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-proċeduri kollha quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-Medjazzjoni preċendenti għal dan ir-rikors, kontra l-attriċi rikonvenzjonata li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attriċi, ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok għal separazzjoni personali bejn il-partijiet dan ġara pero’ minħabba tortijiet u ħtijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut.

2. Illi l-konvenut jaqla’ paga tajba u għalhekk m’hemmx lok għal ebda manteniment.

3. Illi t-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenut u dan għar-raġunijiet li ser jiġu trattati waqt is-smiegħ tal-kawża.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Novembru 2005 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottoressa Barbara O’Brien bħala assistent ġudizzjarju, u rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiemha;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent ġudizzarju Dottor Nadya Vella illi ġiet nominata in sostituzzjoni ta’ Dr O’Brien;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet. Rat il-verbal tat-22 ta’ Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia’ ingħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partijiet irrispondew lill xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta’ xulxin. Ma setax jonqos lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom. Hawnhekk għandu jingħad li t-tifel li kellhom il-partijiet miż-żwieġ issa huwa maġġorenni u allura l-Qorti m’għandhiex deċiżjonijiet x’tieħu fir-rigward.

**TORT**

Kif ġia’ ingħad il-partijiet iwaħħlu f’xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li l-konvenut uża vjolenza fuqha diversi drabi u din il-vjolenza kienet kemm fiżika u kemm psikoloġika. Il-konvenut da parti tiegħu jallega li martu kellha relazzjoni ma’ persuni oħra. L-attriċi qalet ukoll li riċentement il-konvenuut mar ma’ sħabu l-

Bulgarija u sabitlu xi *condoms* meta ġie lura. Il-konvenut ta spjegazzjoni pjuttost imqanżħa ta' dan. Jidher li l-bidu tat-tmiem tas-serenita' fil-ħajja miżżewġa tal-partijiet kienet meta l-konvenut beda jissuspetta li martu ma baqgħetx fidila lejh. Mill-itti li ġew esebiti anke l-ispjegazzjonijiet tal-attriċi huma qajla kredibbli.

Għaldaqstant il-Qorti tħoss li l-partijiet t-tnejn jaħtu għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f'*'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967).

**MANTENIMENT**

Għandu jingħad illi l-partijiet it-tnejn jaħdmu; l-attriċi hija impjegata fi grad għoli ma' l-H.S.B.C. Bank u l-konvenut il-Marsa Shipyard. Għalhekk m'hemmx lok ta' manteniment, iżda f'kull każ il-Qorti jidhrilha li l-partijiet bl-azzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu illi ddekadew minn dan id-dritt.

**PROPJETA'**

**Beni immobbli**;

Il-partijiet jgħixu fid-dar matrimonjali tagħhom numru ___________________, li nbniet fuq *plot* li kienet ġiet akkwistata f'isem il-konvenut mingħad l-Awtorita' tad-Djar. Għalkemm il-kuntratt jidher li sar mill-konvenut huwa ċar li din il-*plot* kienet ġiet assenjata bl-intendiment li sservi ta' dar matrimonjali u allura skond ir-raġunament indikat f numru ta' sentenzi, hija daqs li kieku tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti (ara **"Marthese Vella et noe vs George Vella" –** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003). Billi din hija l-unika proprjeta' li għandhom il-Qorti se tordna li tinbiegħ u r-rikavat jinqasam. Infatti il-partijiet jaqblu li nbniet mill-flus li qalgħu mix-xogħol tagħhom. Il-proprjeta' hija stmata mitejn u sebat elef u ħames mitt Ewro (€207,500) (fol 161).

**Beni mobbli;**

Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entita modesta għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom. Hemm imbagħad il-mobbli fid-dar li għal xi raġuni ebda waħda mill-partjiet m'għamlet riferenza u din mhix l-unika ħaġa li fiha l-Qorti tħossha li kien hemm nuqqasijiet mill-partijiet fil-konduzzjoni tal-kawża. Per eżempju lanqas il-kuntratt tal-akkwist tal-*plot* ma ġie esebit iżda biss kopja tal-ħruġ tal-iskema tal-Awtorita' tad-djar (fol 44) filwaqt li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi hija approssimattiva għall-aħħar u mingħajr ħjiel ta' ġurisprudenza waqt li l-konvenut lanqas biss ippreżenta tiegħu.

Mill-affidavit tal-konvenut jidher li l-partijiet isuqu karozza kull wieħed li se tiġi assenjata lilhom. Anke hawn ma ġewx stmati dawn il-vetturi.

Il-partijiet ressqu provi dwar somma li ħa l-konvenut mill-post tax-xogħol tiegħu – erbgħin elf Ewro (€40,000) – u somma li tista' tieħu l-attriċi (żgur akbar) jekk tittermina l-impjieg tagħha. Billi pero' fir-rigward ta' din tal-aħħar din is-somma ma ġietx perċepita u peress li dawn is-somom jingħataw minflok il-paga rispettiva, il-Qorti ma tħossx li għandha tidħol fil-mertu dwar jekk dawn għandomx jinqasmu parzjalment għaliex il-partijiet mhux se jiġi akkordati manteniment għaliex huma f'pożizzjoni li jmantu lilhom infushom u minħabba r-raġunijiet li ngħataw aktar qabel. Madankollu l-assigurazzjoni fuq ħajjet l-attriċi se tiġi assenjata lilha billi din kienet benefiċċju assoċjata ma' l-impjieg tagħha u *oltre* dan biex tpatti għal fatt li l-attur se jżomm żewġ karozzi u s-somma ta' €40,000 imsemmija.

Il-Qorti se tordna illi fir-rigward tal-qsim tal-beni mobbli fid-dar dan għandu jsir billi kull parti tieħu nofs il-valur tagħhom. Fir-rigward tal-konsistenza tagħhom u l-qsim tirreferi l-partijiet għal arbitraġġ u qed tagħmel dan qed tipprova tpatti għan-nuqqas ġia' msemmi fil-konduzzjoni tal-kawża.

**DEJN**

Il-partijiet isselfu mill-bank H.S.B.C. u dan is-self huwa dejn tal-komunjoni. Għalhekk il-Bank H.S.B.C. għandu

jitħallas qabel ma l-partijiet jaqsmu r-rikavat mill-bejgħ tad-dar.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-partijiet indaqs u tawtoriżżahom jgħixu separatament;**
**2. Tilqa' t-tieni talba b'effett immedjat;**
**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba billi t-tifel imsemmi issa hu maġġorenni;**
**4. Tiċħad ir-raba' talba;**
**5. Fir-rigward tal-ħames talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgħ tal-fond ____________________________, a bażi tal-prezz ta' mitejn u sebat elef u ħames mitt Ewro (€207,500) fuq imsemmija, u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet wara li jitħallas id-dejn mal-Bank H.S.B.C.; tassenja lill-konvenut iż-żewġ vetturi _____________, u lill-attriċi l-vettura _______________; tassenja lill-attriċi l-polza tal-assigurazzjoni fuq ħajjitha. Il-kontijiet kollha bankarji f'isem il-partijiet konġuntivament jew waħedhom, *bonds* u investimenti oħra kollha f'Malta fl-istess ismijiet għandhom jinqasmu f'sehem indaqs bejn il-partijiet; tordna li l-beni mobbli fid-dar konjugali jiġu stmati minn Vincent Ciliberti nominat appożitament, u jinqasmu bis-sorteġġ billi kull parti tieħu nofs il-valur u jekk ikun hemm lok titħallas ekwiparazzjoni; *occorrendo* taħtar lin-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor Lydia Abela bħala kuratur tal-eventwali kontumaċi; u l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-partjiet f'ishma ndaqs.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba;**
**2. Tilqa' t-tieni talba;**
**3. Tiċħad it-tielet talba;**
**4. Tilqa' r-raba talba b'effett immedjat;**

**5. Fir-rigward tal-ħames talba tirreferi għad-deċiżjoni dwar il-ħames talba attriċi;**
**6. Tiċħad is-sitt talba;**
**7. Tiċħad is-seba' talba.**
**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------